MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

**9 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 3**

**It-Tnejn, 5 ta' Awwissu, 2019**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| IS-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

## 3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**3.1.1** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

## 3.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-ewwel (1) laqgħa tal-Kunsill.

Il-minuti tal-laqgħa Numru 2 (tnejn) li saret fl-15 ta' Lulju, 2019 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

## 2.2.1 Korrezzjonijiet

| | | |
|---|---|---|
| 2.2.1.1 | Assenti b'Apolġija | jitneħħa l-isem Darren wara l-kunjom Farrugia. |
| | Minuta 2.3.1 | jiżdiedu l-kliem **indafa, ġonna u soft areas** mal-kelma Ambjent |
| | Minuta 2.5.2 | minflok dikussjoni issir **diskussjoni** |
| | Minuta 2.5.4 | minflok għaldaqstrant issir **għaldaqstant** |
| | Minuta 2.5.8 | minflok talabu issir **talbu** |
| | Minuta 2.8 | wara tal-ilskart u l-knis tiżdied **"għaliex in-numru ta' defaults ma jirriflettux dak attwali. Is-Sindku spjega li d-defaults inħadmu fuq in-numru ta' ilmenti li daħlu f'dak il-perjodu."** |
| | Minuta2.9 (453) | tiżdied **u Diretturi** wara l-kelma Awtoritajiet |
| | Minuta 2.10.1 | minflok sabeix issir **sabiex** |

## 3.3 Punti mqajma mill-minuti

**3.3.1** Minuta 2.3.1 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-minuti tas-Sotto Kumitati jkunu jridu l-ewwel ikunu approvati mis-sottokunitati u wara jkunu preżentati fil-laqgħa tal-Kunsill.

**Il-Membri tal-Kunsill għamlu update fuq il-membri tas-Sotto Kunitati rrispettivament**

**Gianluca Falzon**
Ċelebrazzjoni Jum Santa Venera – Alfred Mizzi u Stanley Azzopardi

**Darren Carabott**
Adrian Bugeja Douglas minflok Jason Ernerst Mangani li rriżenja minħabba impenji oħra.

Darren Carabott tkellem fuq il-punt li wara konsultazzjoni mas-Sotto Kumitat tiegħu, jixtiequ li l-laqgħat tas-sotto kumitat jiġu mxandra diretti. Is-Sindku ma jsibx oġġezzjoni li dan isir dment li s-sotto kumitati l-oħra ma jkunux obbligati li jagħmlu dan. Oltre, il-liġi torbot li l-laqgħat tal-Kunsill Lokali għandhom ikunu mxandra diretta u mhux dawk tas-sotto kumitati. Dott. Carabott qal li kiem ser jinforma lis-Sotto Kunitat tiegħu b'dan il-komunikat.

**Joe Vella**

*Self Employed, Trasport Pubbliku u Integrazzjoni Soċjali* – Christian Micallef u Michael Polidano

**Silvio Vella**

*Anzjani* u familja – Johann Galea, Philip Chircop u Celine Vella

. Is-Sindku informa lill-membri li jrid isir il-pjan ta' ħidma u għaldaqstant kull membru hekk kif kien maqbul iridu jissottometu lis-Sindku l-pjan ta' ħidma individwalment. Is-Sindku kompla billi qal li wara trid issir laqgħa pubblika. Wara diskussjoni bejn il-membri unanimament ġie deċiż sabiex il-Laqgħa Pubblika ssir fit-23 ta' Settembru fis-6.30pm.

**3.3.2** Minuta 2.5.3- Is-Sindku talab lis-Sur Gianliua Falzon sabiex jgħati rendikont fuq il-*Mobility Week*. Is-Sur Falzon spjega li hemm fondi ta €51k u b'hekk kien qiegħed jissuġġerixxi sabiex isir proġett fuq ic-ċikliżmu bħal ma' waqfet il-Malta Public Transport fejn f'Santa Venera tiġi operata s-sistema tal-*bike-sharing*. Wara diskussjoni ġie deċiż sabiex is-Sur Falzon jipprepara din l-applikazzjoni sabiex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jipparteċipa għal din il-grant.

Is-Sindku talab ukoll lis-Sur Falzon u lis-Sur Dimech sabiex jiġi ppreżentat programm dettaljat dwar x'ser isir fil-*Car Free Day*.

**3.3.3** Minuta 2.5.5 – Is-Sndku staqsa lis-Sur Vella u lis-Sa Farrugia dwar it-taħriġ li għandu jsir lill-Anzjini fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Wara diskussjoni ġie deċiż sabiex titalab il-lista ta' taħriġ li diġa kien sar u b'hekk il-Kunsill ikun jista' japplika sabiex isir taħriġ differenti hekk kif jiġi suġġerit mill-istess Diretturi taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

F'dan il-Mument fis-7:10pm is-Sindku talab għas-sospensjoni tal-laqgħa minħabba li kien wasal il-Perit tal-Kunsill u b'hekk ikun diskuss punt 3.6.3 tal-Aġenda - Proġett tal-Palazz l-Aħmar.

**3.3.4 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

**Proġett tal-Palazz l-Aħmar**

Il-Perit tal-Kunsill spjega li l-ewwel fażi tal-proġett tlestiet u l-Kunsill ħallas għal dak ix-xogħol. Minn dak in-nhar li tlestiet l-ewwel fazi jiġifieri li żżarma il-*playing field,* sar it-tħaffir u inqala' il-pavimentar iżda sa llum ftit li xejn sar progress. Il-Perit irrimarka wkoll li wħud mill-għamara li żżarmat tinsab miżmuma għand il-kuntrattur. Fosthom hemm bankijiet u kif ukoll il-lampi *vandal proof*.

Wara diskussjoni bejn il-membri ġie deċiż sabiex tintbagħat ittra legali lill-Kuntrattur u dan wara li nirċievu rapport dettaljat mill-Perit.

Il-membri qablu unanimament.

Fis-7:25pm tkompliet il-laqgħa skont l-aġenda

**3.3.5** Minuta 2.5.6 – Is-Sindku informa lill-membri li dwar il-*vending machine* li l-Kumitat Festi Esterni iridu wkoll japplikaw mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

**3.3.6** Minuta 2.5.7 – Is-Sindku nforma lill-membri li għas-sejħa għal post klerikali kien hemm 3 applikazzjonijiet fejn 2 minnhom ma kienux eliġibbli minħabba li din kient sejħa interna bejn il-Kunsilli filwaqt li aplikazzjoni oħra kienet eliġibbli izda din ma gietx meta ssejjħet għall-intervista. Is-Sindku qal li issa nfurmajna bil-post vakat lill-*Jobsplus* sabiex jibgħatulna lista ta dawk interessati.

F'dan ir-rigward is-Sindku talab sabiex issa ġaladarba is-sejħa hija pubblika huwa tal-fehma li l-bord minflok ikun iffurmat minn 3 membri ikun b'5 membru fejn dawn 2 persuni tal-bord ġodda jkunu residenti u għaldaqstant rrakomanda lis-Sur Edwin Cassar u lis-Sur Anthony Azzopardi.

Il-membri qablu unanimament.

**3.3.7** Minuta 2.5.8 – Il-Membri ddiskutu il-komprtizzjoni li saret fuq *Facebook* tal-isbaħ ritratt li jittieħed fi żmien il-festa ta' Santa Venera fejn qalu li din inlaqgħat tajjeb ħafna mir-residenti. Wara diskussjoni ġie maqbul sabiex għal sena oħra jsiru linji gwida b'Terms and References sabiex b'hekk ir-residenti jkunu jistgħu jimxu fuqhom qabel ma jidħlu għal kompetizzjoni. Dott. Carabott ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill jikkunsidra wkoll it-termini tal-liġi vis a vis il-GDPR.

Il-membri qablu unanimament.

F'dan il-mument fis-7:40pm is-Sindku talab għas-sospensjoni tal-laqgħa minħabba li kien wasal l-Accountant u b'hekk ikun diskuss punt 3.6.1 u 3.6.2 tal-Aġenda - Rendikont Finanzjarju Marzu 2019 u Gunju 2019.

**3.3.8** Minuta 3.6 **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

**3.6.1** Rendikont Finanzjarju Marzu 2019

**3.6.2** Rendikont Finanzjarju Ġunju 2019

Is-Sindku talab lill-Accountant, Is-Sur Michael Debono, jispjega fid-dettal lill-membri preżenti r-rendikont finanzjarju dak ta' bejn Jannar u Marzu 2019 u dak minn April sa Ġunju 2019.

Wara diskussjoni, is-Sindku ippropona u s-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku għar-rrendikont finanzjarji Jannar – Marzu 2019 u April sa Ġunju 2019 filwaqt li l-membri qablu unanimament.

Fit-8:05pm tkompliet il-laqgħa skont l-Aġenda

**3.3.9** Minuta 2.6.2 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand id-Direttur tad-Dipartment tal-Gvern Lokali li l-Kunsill ma jistax jgħati estensjoni fuq kuntratt li t-terminu tiegħu spiċċa diment li l-istess kuntratt ma jipprovdix għal tali estensjoni.

Wara diskussjoni il-membri qablu li jitolbu parir mingħand l-avukat tal-Kunsill sabiex naraw jekk hux possibbli li il-kuntartti eżistenti tal-Contracts Manager u tat-Tindif tal-Latrina ikunu mġedda.

Mill-banda l-oħra, is-Sindku rrimarka li l-awdituri talbu li dawn il-kuntratti jiġu regolati b'estenzjoni maqbula bejn il-partijiet kollha konċernati.

**3.3.10** Minuta 2.6.3 – Is-Sindku nforma lill-membri li l-membri tal-Bord tal-Gieħ ta' Jum Santa Venera kollha aċċettaw in-nomina tagħhom sabiex jibqgħu parti mil-bord.

**3.3.9** Minuta 2.10 – Dott Carabott talab lis-Sindku li jixtieq jirrimarka fuq il-mozzjoni fuq il-ħsarat fi Triq il-Brunżar. Dott Carabott rrimarka li fl-aħħar laqgħa s-Sindku ma setax jippreżenta kontro mozzjoni iżda emendi fuq il-mozzjoni. F'dan ir-rigward Dott Carabott talab lid-Deputat Segretarju eżekuttiv sabiex tintalab kjarifika mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk (1) kontro mozzjoni teżistiex, (2) jekk dak lis-Sindku ressaq kienx fil-parametri tal-liġi, (3) kif ma ittieħidx vot fuq il-mozzjoni.

Is-Sindku irrimarka li il-mozzjoni kif ġiet ippreżenta ġiet mibdula kompletament u għaldaqstant issejħet bħala Kontro Mozzjoni.

Is-Sindku talab lill-membri jekk d'dan il-ħin jixtieqx li tkun diskussa il-mozzjoni tan-nuqqas ta' tindif li tinsab fl-Aġenda aktar 'il quddiem.

Il-membri qablu unanimament li din tista tiġi diskussa din il-mozzjoni.

Il-membri qablu li fl-aħħar ġimgħat saru avvanzi iżda xorta waħda x-xogħol kien għadu mhux sodisfaċenti.

Dott. Carabott ppreżenta il-mozzjoni li hu flimkien mas-Sur Joe Vella u s-Sa Courtney Farrugia ppreżentaw lill-Kunsill Lokali. Dott. Carabott ppropona din il-mozzjoni filwaqt li s-Sur Vella ssekonda din il-mozzjoni. Dott Carabott qara u spjega l-mozzjoni preżentata **(Anness DOC. 1).**

B'risposta għal din il-mozzjoni, is-Sindku pprezenta kontra-mozzjoni' bl-emendi. Is-Sindku ppropona din il-mozzjoni filwaqt li s-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku. Is-Sindku qara u spjega l-kontra mozzjoni bl-emendi **(Anness DOC. 2).**

Dott. Carabott ppropona lis-Sindku sabiex il-mozzjoni mressqa titqiegħed fit-totalita' tagħha mal-emendi li qed ikunu proponuti mis-Sindku.

Is-Sindku wieġeb li hu ma setax jaqbel ma dawk il-punti li tħallew barra mill-emenda minħabba l-fatt li dawk il-punti kienu diġa qegħdin fis-seħħ.

Wara diskussjoni s-Sindku ressaq il- mozzjoni u l-kontra-mozzjoni/emendi għall-vot.

| | |
|---|---|
| **Voti Favur il-Mozzjoni:** | Dott. Darren Carabott<br>Is-Sa Courtney Farrugia<br>Is-Sur Joe Vella |
| **Voti Kontra l-Mozzjoni:** | Is-Sindku,<br>Is-Sur Gianluca Falzon,<br>Is-Sur Kursten Dimech<br>Is-Sur Silvio Vella |

Il-Mozzjoni m'għaddietx bi tlett (3) voti favur u erba' (4) voti kontra.

**Voti Favur il-Kontra-Mozzjoni/emendi:** Is-Sindku,
Is-Sur Gianluca Falzon,
Is-Sur Kursten Dimech
Is-Sur Silvio Vella

**Voti kontra il-Kontra-Mozzjoni:** Dott. Darren Carabott
Is-Sa Courtney Farrugia
Is-Sur Joe Vella

Il-Kontra Mozzjoni/emendi għaddiet b'erba' (4) voti favur u tnejn (3) voti kontra.

### 3.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**3.4.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva mingħand l-AKL fejn qalulna li l-Kunsill ser jirċievi fondi tal-LESA li jkopru għas-sena 2019.

**3.4.2** Is-Sindku nforma lill-membri li l-avukat tal-Kunsill bagħat ittra legali lill-Avukat Philippa Gingell Littlejohn li hija l-avukat tal-kumapnija GO plc, li l-intenzjoni tal-Kunsill mhix li ix-xoghol ma jsirx iżda li x-xogħol ta' *resurfacing* wara li jgħaddu l-cables isir esklussivament mill-kuntrattur Central Asphalt u ħadd aktar.

## 3.5 *Rapporti/Korrispondenza*

**3.5.1** Is-Sindku informa lill-membri li l-Kunsill irċieva ċirkulari Cir AKL 2019/084 li issir fit-28 ta' Awwissu 2019 fil-5:00pm fil-bini tal-Assoccjazzjoni il-Marsa ser issir laqgħa mas-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Eżekuttivi, sabiex jagħtu ħarsa lejn inizjattivi u ċirkulari li l-Assoċjazzjoni bgħatet matul is-sena 2018 u s-sena 2019.

3.5.2 Is-Sindku informa lill-membri li saret laqgħa dwar l-integrazzjoni Socjali fejn għal din il-laqgħa kienu preżenti mas-Sur Joe Vella, is-Sur Christian Micallef u d-Deputat Segretarju Ezekuttiv. Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament ma dan l-Integration Charter plan.

## 3.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 3.6.4 Car Free Day

Kif ġie diskuss mal-punti li jitqajmu mill-minuti l-Kunsill iddecieda li il-Care Free Day issir fit-22 ta' Settembru, 2019 bejn it-8:30am u n-12:30pm fejn fost il-parteċipanti jkunu l-Scouts, Nursery ta' Santa Venera United u l-Judo. Is-Sa Farrugia ssuġġerixiet sabiex l-Kunsill jitlob li dak in-nhar ikun hemm il-Blood bank. Is-Sur Falzon flimkien mas-Sur Dimech qedgħin jikkordinaw din l-attivita'.

## 3.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ma ġewx preżentati minuti jew rapporti ta' Kumitati jew Sotto Kumitati.

## 3.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament.

Is-Sindku nforma lill-membri li l-ħin tal-laqgħa, dak ta' tlett siegħat, kien ser jiskadi. Huwa ppropona li jew ikun hemm qbil li titkompla il-laqgħa jew titkompla l-laqgħa ġurnata oħra. Dott. Darren Carabott issekonda lis-Sindku filwaqt li l-Membri tal-Kunsill qablu unanimament sabiex il-laqgħa titkompla dak in-nhar stess u għaldaqstant il-ħin tal-laqgħa ġie estiż.

## 3.9 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 522 sa 604.

| | |
|---|---|
| 522 | Hemm diskussjoni għaddejja |
| 523 | Ma tistax issir |
| 526 | Ma tistax issir |
| 527 | Diġa kien hemm oġġezzjoni għaliha minn residenti oħra |
| 528 | WO lil B Grima & Sons – basta ma tiġiex quddiem bibien tar-residenti |
| 543 | 1. Sanita'<br>2. Pulizija u Awtorita' tal-Ippjanar |
| 556 | Contracts Manager |
| 562 | 1. Contracts Manager<br>2. Nistaqsu għal indikazzjoni fejn trid tiġi t-tabella peress li diġa hemm 2 oħra |
| 565 | Hemm wieħed fil-viċinanzi |
| 566 | Contracts Manager |
| 570 | Perit informa lill-Kunsill li din il-binja tinsab skont l-*alignment* tal-bini |
| 576 | Ħaddiema Assejnjati |
| 577 | Transport Malta |
| 578 | Gardinar |
| 582 | Din tista issir quddiem XAVI |
| 590 | Ħaddiema Assenjati |
| 592 | Transport Malta |
| 593 | Ħaddiema assenjati |
| 594 | Identifikazzjoni quddiem liema bieb |
| 595 | Ħaddiema Assenjati |
| 596 | Ma tistax issir |
| 597 | Hemm il-pjan li jsir proġett ħolistiku |
| 598 | Ħaddiema Assenjati fuq refresh |
| 599 | Issir dikjarazzjoni mir-residenti li jriduha quddiemhom |
| 600 | Issir dikjarazzjoni mir-residenti li jriduha quddiemhom |
| 601 | Ser issir max-xoghol li hemm fil-pipeline |

| | |
|---|---|
| 602 | 1. Qed naraw dan mal-AKL<br>2. Bowser u jinhaslu toroq |
| 603 | B. Grima & Sons – din għandha titnaqqas mill-kont tas-CentralAsphalt peress li tkissret minnhom |
| 604 | Ħaddiema Assenjati |

## 3.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-10.05 pm u ġiet aġġornata għad-9 ta' Settembru, 2019, fis-6.30pm

Konfermati, illum 9 ta' Settembru, 2019

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv